# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum is-6 t' Ottubru, 2015.**

**Rikors Numru 476/2015 SM**

**Banif Bank (Malta) p.l.c.**
**(C – 41030)**

**vs.**

**Anthony u Claudine konjugi Xerri**
**(K.I. numru 343572 (M) u 69476 (M) rispettivament)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat iz-19 ta' Mejju, 2015, li permezz tieghu il-bank rikorrenti sintetikament espona s-segwenti tramite r-rapprezentant tieghu hemm indikata:

1.1. Illi l-intimati kkonkludew diversi kuntratti ta' self u ftehim regwardanti l-ghoti ta' krediti u self iehor lilhom koncess mill-bank rikorrenti kif indikat fl-istess rikors guramentat promotur, (ara foll 1 u 2);

1.2. Illi kuntrarju ghal dak minnhom patwit l-intimati naqqsu li jhallsu lura l-ammonti lilhom hekk mislufa;

1.3. Illi konsegwentement l-ammonti minnhom dovuti lill-bank rikorrenti saru issa dovuti lill-istess bank fl-intier kollu taghhom u dan, *ai termini* tal-kuntratti datati t-18 ta' Mejju, 2011, (ara foll 12 *et* sequitur), l-20 ta' Dicembru, 2011, (ara foll 38 *et* sequitur), il-25 t'April, 2012, (ara foll 48 *et sequitur*), u iehor li jgib l-istess data, (ara foll 60 *et sequitur*), is-7 ta' Frar, 2012, (ara foll 94 *et sequitur*), id-9 t'Ottubru, 2012, (ara foll 102 *et sequitur*) u l-20 ta' Marzu, 2013, (ara foll 111 *et sequitur*);

1.4. Illi l-ammont komplessiv dovut mill-intimati lill-bank rikorrenti jammonta ghal tlett mija u erbgha u hamsin elf, sitta u ghoxrin Ewro u erbgha u disghin centezmu, (€354,026.94);

1.5. Illi ghalkemm debitament interpellati biex ihallsu l-ammont komplessiv dovut lill-bank rikorrenti, l-intimati baqghu inadempjenti;

1.6. Illi *di piu`*, il-kreditu in dizamina hu wiehed cert, likwidu u dovut, u l-intimati m'ghandhom l-ebda risposti x'jaghtu fir-rigward ghat-talbiet tal-bank rikorrenti;

1.7. Illi ghaldaqstant jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi biex din il-qorti tisma` l-procedura odjerna bid-dispensa tas-smiegh *a tenur* ta' l-artiklu 167 *et sequitur*, tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

1.8. Illi ghaldaqstant il-bank rikorrenti adixxa din il-qorti biex din:

1.8.1. Tiddeciedi l-kawza odjerna bid-dispensa tas-smiegh *ai termini* tal-artiklu 167 *et sequitur* tal-Kap 12 tal-Ligijiet fuq indikati;

1.8.2. Tiddikjara lill-intimati debituri tas-socjeta` rikorrenti fl-ammont indikat aktar qabel, (ara

paragrafu numru wiehed punt erbgha, (1.4.), aktar qabel);

1.8.3. Tikkundanna lill-intimati jhallsu lis-socjeta` rikorrenti l-ammont hekk dikjarat fil-paragrafu precedenti;

1.8.4. Bl-ispejjez kif dedotti u indikati fir-rikors guramentat promotur u bl-imghaxijiet dovuti kif ukoll hemm indikati, mill-15 t'April, 2015, sad-data ta' l-effettiv pagament;

2. Rat id-digriet taghha datat il-25 ta' Gunju, 2015, fejn wara li semghet lill-abbli rapprezentanti legali tal-intimati jitlob li dawn ghandhom jinghataw l-opportunita` jipprezentaw risposta guramentata ghat-talbiet tas-socjeta` rikorrenti, u wara li wkoll semghet lill-abbli rapprezentant legali tas-socjeta` rikorrenti jopponi din it-talba *stante* li l-ammont komplessiv dovut hu naxxenti mid-diversi kuntratti fuq riferiti u ghalhekk l-ammont dovut mill-intimati hu wiehed cert, likwidu u dovut, cahdet it-talba ta' l-intimati, (ara foll 150);

3. Rat in-nota ta' riduzzjoni tas-socjeta` rikorrenti datata d-9 ta' Lulju, 2015, (ara foll 151);

4. Rat in-nota ta' riduzzjoni ulterjuri tas-socjeta` rikorrenti datata l-15 ta' Lulju, 2015, (ara foll 153);

5. Semghet lill-intimat Anthony Xerri jammetti t-talbiet kollha tas-socjeta` rikorrenti u jammetti li l-intimati ghandhom jaghtu lis-socjeta` rikorrenti l-ammont komplessiv indikat fin-nota ta' riduzzjoni taghha pprezentata in atti fil-15 ta' Lulju, 2015, (ara foll 153);

Ikkunsidrat:

6.0. Illi in vista ta' l-ammissjoni fuq riferita tqis li s-socjeta` rikorrenti pprovat il-kaz taghha skont il-ligi u konsegwentement, filwaqt li takkolji t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti:

**DECIDE:**

6.1. Tiddeciedi l-kawza odjerna bid-dispensa tas-smiegh *ai termini* ta' l-artiklu 167 *et sequitur* tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

6.2. Tiddikjara lill-intimati debituri tas-socjeta` rikorrenti fl-ammont komplessiv ta' mitejn u sebgha u tletin elf, disa` mija u tnejn u erbghin Ewro u wiehed u hamsin centezmu, (€237,942.51) kif redott;

6.3. Tikkundanna lill-intimati Anthony u Claudine konjugi Xerri biex ihallsu l-ammont hekk likwidat fil-paragrafu precedenti lis-socjeta` rikorrenti Banif Bank (Malta) plc;

6.4. Bl-ispejjez kif dedotti u indikati fir-rikors guramentat promotur u, bl-imghaxijiet dovuti kif ukoll hemm indikati, mill-15 t'April, 2015, sad-data ta' l-effettiv pagament;

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**